MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1714/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**Vs**

**George Incorvaja (ID 244056M)**
**u Jonathan Incorvaja (ID 22083M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Settembru, 2005, fejn is-socjeta` attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin Lira u sitta u sittin centezmi (Lm578.66) rapprezentanti : (i) in kwantu ghal hamsin Lira (Lm50.00) bhala hlas ta' "Excess" dovut fuq il-claim numru M 01/2725 rigwardanti incident awtomobilistiku ta' l-1 ta' April, 2001, f'liema incident kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBM 171 propjeta` tal-konvenut George Incorvaja, u assikurata mas-socjeta` attrici

permezz ta' polza ta' l-assikurazzjoni tat-tip "Third party, Fire & Theft" ; u (ii) in kwantu ghal hames mija u tmienja u ghoxrin Lira u sitta u sittin centezmu (Lm528.66) bhala hlas ta' spejjes gudizzjarji zburzjati mis-socjeta` attrici in segwitu tal-kawza fl-ismijiet "Dusty Tabone – vs – Jonathan Incorvaja", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Dicembru, 2003 (Citazz. Nru. 1788/2001JA), f'liema kawza l-assikurat tas-socjeta` attrici, il-konvenut Jonathan Incorvaja, baqa` kontumaci minghajr raguni valida skond il-ligi, u b'hekk naqas milli jzomm lis-socjeta` attrici f'relazzjoni *in uberrima fides* kif kellhu d-dmir illi jaghmel – u dana ghas-skapitu tas-socjeta` attrici.

Interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' April, 2005. Il-konvenuti baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha tigi ntavolata l-kawza odjerna;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' April 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet mill-4 ta' April 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha gie ecceppit :

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante s-
s-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Ltd. kienet taf bil-kawza bic-citazzjoni numru 1788/2001JA u kienet l-istess socjeta` assikuratrici li naqset milli tintavola n-nota ta' eccezzjonijiet.

2. Illi l-konvenuti zammew ma' l-obbligi taghhom ta' uberrima fides.

3. Illi l-konvenuti hallsu s-somma ta' hamsin Lira Maltin (Lm50.00) bhala "excess" tal-'claim' fuq il-polza ta' assikurazzjoni taghhom.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-affidavit ta' Hubert Said u d-dokumenti annessi ma' l-istess ;

Ra illi l-konvenuti naqqsu milli jressqu l-provi taghhom u in effetti fi tlett seduti konsekuttivi ghall-provi tal-konvenuti, la deheru huma u lanqas deheru huma u lanqas deheru d-difensuri taghhom ;

Ra l-atti kollha tal-kaz ;

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2007, it-Tribunal iddikjara provi maghluqa u l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-versjoni tas-socjeta` attrici kif espress fl-Avviz u kkonfermata bl-affidavit ta' Hubert Said (fol 16) mhix kontradetta in kwantu illi ma tressqu ebda provi in sostenn tar-risposta tal-konvenuti ;

Illi ghalhekk it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita l-versjoni tas-socjeta` attrici u fin-nuqqas ta' provi konvenuti, it-Tribunal sejjer jakkolji t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ha konjizzjoni tax-xhiedha u d-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jilqa` t-talbiet attrici billi jikkundanna lill-konvenuti ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin Liri Maltin U sitta` u sittin centezmu (Lm578.66).

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------